# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

18 ta' Lulju 2007 *

Fil-kawża C-212/05,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skond l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Bundessozialgericht (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni ta' l-10 ta' Frar 2005, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Mejju 2005, fil-proċedura

**Gertraud Hartmann,**

vs

**Freistaat Bayern,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, P. Jann, C. W. A. Timmermans, A. Rosas, K. Lenaerts, u P. Kūris, Presidenti ta' l-Awla, R. Silva de Lapuerta, K. Schiemann (Relatur), J. Makarczyk, G. Arestis, A. Borg Barthet, M. Ilešič, u L. Bay Larsen, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: L. A. Geelhoed,
Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-13 ta' Ġunju 2006,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal G. Hartmann, minn M. Eppelein, Assessor,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Lumma, bħala aġent,

— għall-Gvern Spanjol, minn F. Díez Moreno, bħala aġent,

— għall-Gvern Olandiż, minn M. de Mol, bħala aġent,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, inizjalment minn C. Jackson, bħala aġent, assistita minn E. Sharpston, QC, wara minn C. Gibbs, bħala aġent, assistita minn T. Ward, barrister,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn V. Kreuschitz u D. Martin, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2006,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68, tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU L 257, p. 2).

2 Din it-talba ġiet imressqa fil-kuntest ta' kawża bejn G. Hartmann u Freistaat Bayern fir-rigward tar-rifjut, minn dan ta' l-aħħar, li jħallasha l-allowance għall-edukazzjoni għat-tfal tagħha.

### Il-kuntest ġuridiku

*Il-leġiżlazzjoni Komunitarja*

3 L-Artikolu 7(1) u (2) tar-Regolament Nru 1612/68 jipprovdi kif ġej:

"1. Ħaddiem ċittadin ta' xi Stat Membru ma jistax, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, ikun trattat b'mod differenti minn ħaddiema ċittadini ta' dak l-Istat Membru minħabba ċ-ċittadinanza tiegħu fir-rigward ta' kwalunkwe kondizzjoni ta' l-impjieg u tax-xogħol, partikolarment fir-rigward ta' rimunerazzjoni, tkeċċija u jekk hu jisfa' mingħajr xogħol, ingaġġ mill-ġdid jew impjieg mill-ġdid.

2. Huwa għandu jgawdi l-istess vantaġġi soċjali u ta' taxxa bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru."

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

4 Kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, l-Artikolu 1(1) tal-liġi fuq l-għoti ta' l-allowance u tal-leave għall-edukazzjoni (Bundeserziehungsgeldgesetz, iktar 'il quddiem il-"BErzGG"), kien jipprevedi, fil-verżjoni tiegħu applikabbli fiż-żmien tal-fatti fil-kawża prinċipali, kien jistupula li, kull persuna li għandha r-residenza jew il-post ta' residenza abitwali tagħha fil-Ġermanja, li għandha fil-familja tagħha wild dipendenti minnha, li tiggarantixxi ż-żamma u l-edukazzjoni ta' dan il-wild u li ma teżerċitax attività professjonali jew li ma teżerċitax din l-attività full time għandha dritt għal allowance għall-edukazzjoni.

5 Barra minn dan, skond l-Artikolu 1(4) tal-BErzGG, fil-verżjoni tiegħu applikabbli fiż-żmien tal-fatti fil-kawża prinċipali, iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u l-ħaddiema fuq il-fruntiera li ġejjin minn pajjiżi li għandhom fruntiera komuni mal-Ġermanja għandhom dritt għall-allowance għall-edukazzjoni sakemm jeżerċitaw, f'dan l-Istat Membru, attività professjonali li taqbeż il-livell ta' impjieg minuri.

6 Skond l-Artikolu 1(7) tal-BErzGG, fil-verżjoni tiegħu emendata tat-12 ta' Ottubru 2000, wieħed mill-konjuġi, li jirrisjedi fi Stat Membru ieħor, ta' persuna li taħdem fis-servizz jew fis-servizz pubbliku Ġermaniż, jista' jibbenefika mill-allowance għall-edukazzjoni. Din id-dispożizzjoni ma tapplikax madankollu fil-każ ta' wlied imwielda qabel l-1 ta' Jannar 2001, skond l-Artikolu 24(1) tal-BerzGG fil-verżjoni tagħha emendata tat-12 ta' Ottubru 2000.

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

7 G. Hartmann hija ċittadina Awstrijaka miżżewġa, mill-1990, ma' ċittadin Ġermaniż, li qabel kien jirrisjedi fil-Ġermanja. B'effett mill-1990, il-koppja għexet fl-Awstrija mat-tlett itfal tagħha, imwielda rispettivament fix-xhur ta' Marzu 1991, Mejju 1993 u Settembru 1997. Ir-raġel tar-rikorrenti huwa impjegat bħala uffiċjal fil-Ġermanja (ma' Deutsche Bundespost, mill-1986, u ma' Deutsche Telekom AG, mill-1995).

8 B'deċiżjonijiet tal-25 ta' Settembru 1991, fil-verżjoni tad-deċiżjoni mogħtija taħt oġġezzjoni fis-7 ta' Jannar 1992, u ta' l-20 ta' Settembru 1993, fil-verżjoni tad-deċiżjoni mogħtija taħt oġġezzjoni fis-26 ta' Jannar 1994, il-Freistaat Bayern irrifjuta li jagħti lil G. Hartmann l-allowance għall-edukazzjoni previst mill-BErzGG fil-verżjoni tagħha applikabbli fiż-żmien tal-fatti fil-kawża prinċipali għall-ewwel żewġ itfal tagħha.

9 B'deċiżjonijiet ta' l-10 u tat-23 ta' Ġunju 1998, fil-verżjoni tad-deċiżjoni mogħtija taħt oġġezzjoni fis-7 ta' Settembru 1998, it-talbiet għal reviżjoni mressqa mir-rikorrenti ġew miċħuda, l-istess bħat-talba tagħha għal allowance għall-edukazzjoni għall-ewwel sena ta' ħajja tat-tifel iż-żgħir tagħha. Ir-rifjut għall-għoti ta' dan l-allowance għall-edukazzjoni huwa motivat mill-fatt li G. Hartmann ma tirrisjedix fil-Ġermanja u ma teżerċita l-ebda attività professjonali f'dan l-Istat Membru.

10 Peress li s-Sozialgericht München, b'deċiżjoni ta' l-14 ta' Frar 2001, ċaħad ir-rikors magħmul minn G. Hartmann, hija appellat minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bayerische Landessozialgericht, li wkoll ċaħad it-talba tagħha permezz tas-sentenza ta' l-1 ta' Lulju 2003. Din il-qorti qiset li, skond id-dritt Ġermaniż, G. Hartmann ma setgħetx tibbenefika mill-allowance għall-edukazzjoni billi ma kinitx tirrisjedi fil-Ġermanja. L-allowance in kwistjoni lanqas ma jista' jingħatalha abbażi tad-dritt Komunitarju.

11 Skond l-imsemmija qorti, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, ta' l-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni mhux impjegati u għall-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, fil-verżjoni emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2001/83, tat-2 ta' Ġunju 1983 (ĠU L 230, p. 6), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1249/92, tat-30 ta' April 1992 (ĠU L 136, p. 28, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1408/71"), mhuwiex applikabbli f'dan il-każ billi la G. Hartmann u lanqas ir-raġel tagħha ma jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Fil-fatt, G. Hartmann mhijiex impjegata u r-raġel tagħha, bħala uffiċjal, mhuwiex meqjus li huwa "ħaddiem" fis-sens tal-punt I, Ċ ("Il-Ġermanja") ta' l-Anness I, tar-Regolament Nru 1408/71.

12 Il-Bayerische Landessozialgericht saħaq li d-dritt għall-allowance għall-edukazzjoni lanqas ma jista' jkun ibbażat fuq l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 billi r-Regolament Nru 1408/71 jipprevali fuq dan l-aħħar Regolament.

13 Ir-rikorrenti għalhekk adiet lill-Bundessozialgericht b'talba għal "Reviżjoni".

14 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundessozialgericht iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja ż-żewġ domandi preliminari segwenti:

"1) Jista' ċittadin Ġermaniz li, filwaqt li kompla r-relazzjoni ta' impjieg tiegħu bħala uffiċjal tal-posta fil-Ġermanja, ikun ittrasferixxa r-residenza permanenti tiegħu mill-Ġermanja għall-Awstrija fl-1990 u li minn dakinhar kompla bil-kariga tiegħu bħala ħaddiem fuq il-fruntiera, jitqies li huwa ħaddiem migrant skond it-tifsira tar-Regolament Nru 1612/68 [...] għall-perijodi bejn ix-xhur ta' Jannar 1994 u Settembru 1998?

2) Jekk dan huwa l-każ:

Jikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta fis-sens tat-tifsira ta' l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 jekk il-konjuġi tal-persuna msemmija fl-ewwel domanda li ma tkunx taħdem, residenti fl-Awstrija u li hija ċittadina Awstrijaka, tiġi eskluża milli tirċievi l-allowance fil-Ġermanja għat-tfal fil-perijodu in kwistjoni minħabba li la kellha r-residenza permanenti tagħha u lanqas ir-residenza abitwali tagħha fil-Ġermanja?"

## Fuq id-domandi preliminari

*Fuq l-ewwel domanda*

15 Permezz ta' l-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ċittadin ta' Stat Membru li, filwaqt li jżomm l-impjieg tiegħu f'dan l-Istat, ikun ittrasferixxa r-residenza tiegħu lejn Stat Membru ieħor fejn ikun eżerċita, minn dak iż-żmien, il-professjoni tiegħu bħala ħaddiem fuq il-fruntiera, jistax jinvoka l-istatus ta' "ħaddiem migrant" skond ir-Regolament Nru 1612/68.

16 Il-Gvern Ġermaniż, il-Gvern tar-Renju Unit u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropew fl-osservazzjonijiet tagħhom bil-miktub, kif ukoll il-Gvern Olandiż matul is-seduta, sostnew li biss iċ-ċaqliq ta' persuna fi Stat Membru ieħor bl-għan li teżerċita attività professjonali għandu jitqies li huwa l-eżerċizzju tad-dritt għal moviment liberu tal-ħaddiema. Għaldaqstant, persuna bħas-Sur Hartmann, li qatt ma kienet ħalliet l-impjieg tagħha fl-Istat Membru li fih hija ċittadin u li kienet sempliċiment ittrasferixxiet ir-residenza tagħha fl-Istat Membru tal-mara tiegħu, ma tistax tibbenefika mid-dispożizzjonijiet Komunitarji fir-rigward ta' moviment liberu tal-ħaddiema.

17 Għandu jiġi rrilevat, f'dan ir-rigward, li dan ir-raġunament għandu jiġi eżaminat fid-dawl tas-sentenza tal-21 ta' Frar 2006, Ritter-Coulais (C-152/03, Ġabra p. I-1711). F'din il-kawża, meta eżaminat is-sitwazzjoni tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali fid-dawl tal-prinċipju tal-moviment liberu tal-ħaddiema stipulat fl-Artikolu 48 tat-Trattat KE (li sar, wara li ġie emendat, l-Artikolu 39 KE), il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, fil-punti 31 u 32 ta' l-imsemmija sentenza, li kull ċittadin ta' Stat Membru, indipendentement mir-residenza u min-nazzjonalità tiegħu, li għamel użu mid-dritt tal-moviment liberu tal-ħaddiema u li eżerċita attività professjonali fi Stat Membru ieħor differenti minn dak ta' residenza, jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni. Konsegwentement, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, li kienu jaħdmu fi Stat Membru differenti minn dak fejn tinsab ir-residenza reali tagħhom, kienu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 48 tat-Trattat.

18 F'dan il-każ, is-sitwazzjoni li wasslet għall-kawża prinċipali hija dik ta' persuna li tirrisjedi, wara t-trasferiment tar-residenza tagħha, fi Stat Membru u li teżerċita attività professjonali fi Stat Membru ieħor. Fil-fatt, l-installazzjoni tas-Sur Hartmann fl-Awstrija għal finijiet mhux professjonali ma tiġġustifikax li huwa jiġi mċaħħad mill-istatus ta' ħaddiem migrant li huwa kiseb meta, wara t-trasferiment tar-residenza tiegħu fl-Awstrija, huwa eżerċita pjenament id-dritt tiegħu għall-moviment liberu tal-ħaddiema billi ttrasferixxa ruħu fil-Ġermanja sabiex jeżerċita hemmhekk attività professjonali.

19 Minn dan isegwi li għall-perijodu ta' bejn Jannar 1994 sa' Settembru 1998, is-sitwazzjoni ta' ħaddiem fuq il-fruntiera bħas-Sur Hartmann taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema u, għaldaqstant, tar-Regolament Nru 1612/68.

20 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li saru iktar 'il fuq, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li ċittadin ta' Stat Membru li, filwaqt li żamm l-impjieg tiegħu f'dan l-Istat, ikun ittrasferixxa r-residenza tiegħu fi Stat Membru ieħor u jkun eżerċita, minn dak iż-żmien, l-attività professjonali tiegħu bħala ħaddiem fuq il-fruntiera, jista' jinvoka l-istatus ta' ħaddiem migrant fis-sens tar-Regolament Nru 1612/68.

*Fuq it-tieni domanda*

21 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk, fiċ-ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 jipprekludix li l-mara ta' ħaddiem migrant, bla impjieg, li tirrisjedi fl-Awstrija u li għandha ċ-ċittadinanza ta' dan l-Istat Membru, tiġi eskluża mill-benefiċċju tas-allowance għall-edukazzjoni Ġermaniża, minħabba li hija ma kellhiex fil-Ġermanja la domiċilju u lanqas residenza abitwali.

22 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-allowance għall-edukazzjoni Ġermaniża jikkostitwixxi benefiċċju soċjali skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 (ara s-sentenza tat-12 ta' Mejju 1998, Martínez Sala, C-85/96, Ġabra p. I-2691, punt 26).

23 Il-Gvern Ġermaniż u l-Gvern tar-Renju Unit osservaw li huwa inġust li ħaddiem fuq il-fruntiera, li għandu r-residenza tiegħu u l-post ta' xogħol tiegħu fi Stati Membri differenti, jitħalla jgawdi mill-istess benefiċċji soċjali fiż-żewġt Istati Membri u jikkumbinahom. Biex jiġi kkumpensat dan ir-riskju u fid-dawl tal-fatt li r-Regolament Nru 1612/68 ma fihx regoli ta' koordinazzjoni intiżi li jevitaw l-akkumulu ta' benefiċċji, il-possibbiltà li "jiġi esportat" l-allowance għall-edukazzjoni fl-Istat Membru ta' residenza tal-ħaddiem fuq il-fruntiera tista' tiġi eskluża.

24 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-istatus ta' ħaddiem fuq il-fruntiera tas-Sur Hartmann bl-ebda mod ma tipprekludih milli jkun jista' jippretendi t-trattament ugwali previst fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 fir-rigward ta' l-għoti ta' benefiċċji soċjali. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-ħaddiema fuq il-fruntiera jistgħu jivokaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1612/68, bħal kull ħaddiem ieħor previst minn din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, ir-raba' premessa ta' dan ir-Regolament tipprovdi, espressament, li d-dritt ta' moviment liberu għandu

jitgawda "mingħajr diskriminazzjoni minn ħaddiema permanenti, staġjonali u fuq il-fruntiera u minn dawk li jwettqu l-attivitajiet tagħhom għall-iskop li jipprovdu servizzi", u l-Artikolu 7 tiegħu jirreferi, mingħajr riżerva, għall-"[ħ]addiem ċittadin ta' xi Stat Membru" (sentenza tas-27 ta' Novembru 1997, Meints, C-57/96, Ġabra p. I-6689, punt 50).

25 Għandu jiġi mfakkar li, fil-kawża prinċipali, l-allowance għall-edukazzjoni huwa mitlub minn G. Hartmann li, fil-kwalità ta' mara ta' ħaddiem li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1612/68, hija biss benefiċjarja indiretta tat-trattament ugwali mogħti lill-ħaddiem migrant permezz ta' l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament. Konsegwentement, il-benefiċċju ta' l-allowance għall-edukazzjoni Ġermaniż jista' jiġi estiż għar-rikorrenti biss jekk dan l-allowance jikkostitwixxi, għar-raġel tagħha, vantaġġ soċjali skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-26 ta' Frar 1992, Bernini, C-3/90, Ġabra p. I-1071, punt 26).

26 Dan huwa l-każ f'din il-kawża. Benefiċċju bħall-allowance għall-edukazzjoni Ġermaniż, li jippermetti lil wieħed mill-ġenituri jiddedika ruħu għall-edukazzjoni ta' tifel minuri, billi jikkumpensa l-ispejjeż tal-familja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza ta' l-10 ta' Ottubru 1996, Hoever u Zachow, C-245/94 u C-312/94, Ġabra p. I-4895, punti 23 sa 25), huwa ta' benefiċċju għall-familja kollha, irrispettivament mill-ġenitur li jitlob dan l-allowance. Fil-fatt, l-għoti ta' tali allowance lill-wieħed mill-konjuġi tal-ħaddiem jista' jnaqqas l-obbligu li dan ta' l-aħħar għandu li jikkontribwixxi għall-ispejjeż tal-familja u, għaldaqstant, fir-rigward tiegħu, jikkostitwixxi "vantaġġ soċjali" skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 (ara, b'analoġija, is-sentenza Bernini, iċċitata iktar 'il fuq, punt 25).

27 L-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 jipprovdi li l-ħaddiem migrant jibbenefika, fl-Istat Membru ospitanti, mill-istess vantaġġi soċjali u fiskali bħal ħaddiema nazzjonali. Billi l-allowance għall-edukazzjoni huwa "vantaġġ soċjali" skond din id-dispożizzjoni, ħaddiem migrant f'sitwazzjoni bħal dik tas-Sur Hartmann, u konsegwentement il-mara tiegħu, għal raġunijiet esposti fil-punti 25 u 26 ta' din is-sentenza, għandu jkun f'pożizzjoni li jibbenefika minn dan l-allowance bl-istess mod bħal ħaddiem nazzjonali.

28 Mill-inkartament ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-leġiżlazzjoni Ġermaniża tissuġġetta, prinċipalment, l-għoti ta' l-allowance għall-edukazzjoni għall-kundizzjoni li l-benefiċjarji tiegħu jkollhom ir-residenza tagħhom fit-territorju nazzjonali. Billi tali leġiżlazzjoni tista' twassal għal diskriminazzjoni indiretta ta' ħaddiema li ma jirrisjedux fil-Ġermanja, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk din il-leġiżlazzjoni tistax tiġi ġġustifikata u jekk hija tissodisfax il-kriterju ta' proporzjonalità.

29 Għandu jiġi mfakkar li r-regola tat-trattament ugwali stipulata kemm fl-Artikolu 39 KE u kif ukoll fl-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1612/68 tipprojbixxi mhux biss id-diskriminazzjonijiet ċari, ibbażati fuq in-nazzjonalità, iżda wkoll kull forma moħbija ta' diskriminazzjoni li, permezz ta' l-użu ta' kriterji oħra ta' distinzjoni, effettivament iwasslu għall-istess riżultat (sentenza Meints, iċċitata iktar 'il fuq, punt 44).

30 Sakemm ma tkunx oġġettivament iġġustifikata u proporzjonata ma' l-għan imfittex, dispożizzjoni ta' dritt nazzjonali għandha titqies li hija indirettament diskriminatorja meta din tista', min-natura tagħha stess, taffettwa iktar lill-ħaddiem migrant milli lill-ħaddiema nazzjonali u li, konsegwentement, tirriskja li, b'mod partikolari, tkun iktar ta' żvantaġġ għal dawn ta' l-ewwel (sentenza Meints, iċċitata iktar 'il fuq, punt 45).

31 Dan huwa l-każ ta' kundizzjoni ta' residenza bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali, li, kif tosserva l-qorti tar-rinviju, hija naturalment aktar faċli li tiġi rrispettata għall-ħaddiema Ġermaniżi jew il-konjuġi tagħhom, li normalment jirrisjedu fil-Ġermanja, milli għall-ħaddiema li huma ċittadini ta' Stati Membri oħra jew il-konjuġi tagħhom, li x'aktarx jirrisjedu, fil-parti l-kbira tagħhom, fi Stat Membru ieħor (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-8 ta' Ġunju 1999, Meeusen, C-337/97, Ġabra. p. I-3289, punti 23 u 24).

32 Skond l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-qorti tar-rinviju, l-allowance għall-edukazzjoni Ġermaniż jikkostitwixxi strument ta' politika tal-familja nazzjonali li huwa intiż li jippromwovi r-rata tat-twelid fil-pajjiż. L-għan prinċipali ta' dan l-allowance huwa li jippermetti għall-ġenituri jieħdu ħsieb huma stess it-tfal tagħhom, billi jirrinunzjaw għal jew inaqqsu l-attività professjonali tagħhom sabiex jiddedikaw ruħhom għall-edukazzjoni tat-tfal tagħhom matul l-ewwel fażi ta' l-eżistenza tagħhom.

33 Il-Gvern Ġermaniż isostni wkoll, sostanzjalment, li l-allowance għall-edukazzjoni jingħata sbiex ikun ta' benefiċċju għall-persuni li, bl-għażla tar-residenza tagħhom, ikunu stabbilixxew relazzjoni effettiva mas-soċjetà Ġermaniża. F'dan il-kuntest, il-kundizzjoni ta' residenza, bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali, hija ġġustifikata.

34 Indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni Ġermaniża jistgħux jiġġustifikaw leġiżlazzjoni nazzjonali bbażata esklużivament fuq il-kriterju tar-residenza, għandu jiġi kkonstatat li, skond l-ispjegazzjonijiet mogħtija mil-qorti tar-rinviju, il-leġiżlatur Ġermaniż ma llimitax ruħu għal applikazzjoni stretta tal-kundizzjoni ta' residenza għall-għoti ta' l-allowance għall-edukazzjoni, iżda inkluda eċċezzjonijiet li jippermettu li l-ħaddiema fuq il-fruntiera jibbenefikaw minnu wkoll.

35 Fil-fatt, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, abbażi ta' l-Artikolu 1(4) tal-BErzGG, fil-verżjoni tagħha applikabbli fiż-żmien tal-fatti prinċipali, il-ħaddiema fuq il-fruntiera li jeżerċitaw attività professjonali fil-Ġermanja iżda li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor jistgħu jippretendu l-allowance għall-edukazzjoni Ġermaniż jekk l-attività professjonali tagħhom taqbeż il-livell ta' impjieg minuri.

36 Konsegwentement, jidher li, skond il-leġiżlazzjoni Ġermaniża fis-seħħ fiż-żmien meta ġraw il-fatti fil-kawża prinċipali, ir-residenza ma kinitx ikkunsidrata bħala l-unika rabta ma' l-Istat Membru kkonċernat u li kontribuzzjoni sinjifikattiva għas-suq tax-xogħol nazzjonali kienet tikkostitwixxi wkoll element validu ta' integrazzjoni fis-soċjetà ta' dan l-Istat Membru.

37 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-għoti ta' l-allowance għall-edukazzjoni in kwistjoni fil-kawża prinċipali ma jistax jiġi rrifjutat lil koppja, bħall-konjuġi Hartmann, li ma tirrisjedix fil-Ġermanja, iżda li wieħed mill-membri tagħha jeżerċita f'dan l-Istat attività professjonali full time.

38 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet magħmulin iktar 'il fuq, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li, f'ċirkustanzi bħal dawk in kwistjoni fil-kawża prinċipali, l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 jipprekludi li wieħed mill-konjuġi ta' ħaddiem migrant li jeżerċita attività professjonali fi Stat Membru, li jkun mingħajr impjieg u li jirrisjedi fi Stat Membru ieħor, jiġi eskluż mill-benefiċċju ta' vantaġġ soċjali li għandu l-karatteristiċi ta' l-allowance għall-edukazzjoni Ġermaniża minħabba l-fatt li huwa la għandu d-domiċilju u lanqas ir-residenza abitwali tiegħu fl-ewwel Stat.

**Fuq l-ispejjeż**

39 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' l-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk ta' l-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi li:

**1) Ċittadin ta' Stat Membru li, filwaqt li żamm l-impjieg tiegħu f'dan l-Istat, ikun ittrasferixxa r-residenza tiegħu fi Stat Membru ieħor u jkun eżerċita, minn dak iż-żmien, l-attività professjonali tiegħu bħala ħaddiem fuq il-fruntiera, jista' jinvoka l-istatus ta' ħaddiem migrant fis-sens tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68, tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità.**

**2) F'ċirkustanzi bħal dawk in kwistjoni fil-kawża prinċipali, l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 jipprekludi li wieħed mill-konjuġi ta' ħaddiem migrant li jeżerċita attività professjonali fi Stat Membru, li jkun mingħajr impjieg u li jirrisjedi fi Stat Membru ieħor, jiġi eskluż mill-benefiċċju ta' vantaġġ soċjali li għandu l-karatteristiċi ta' l-allowance għall-edukazzjoni Ġermaniż minħabba l-fatt li huwa la għandu d-domiċilju u lanqas ir-residenza abitwali tiegħu fl-ewwel Stat.**

Firem